MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Talba Numru. 588/2011

**Charles Grech & Co. Ltd (C2473)**

**Vs**

**Mark Aquilina (K.I. 105069M)**

**f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta'**

**Innovative Entertainment Ltd. (C36032)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi pprezentat mis-socjeta' attrici li ppremettiet illi l-kumpanija attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kkundanati jhallsu s-somma ta' tliet elef mija u sitt ewro u erbgha u disghin centezmu (€3,106.94) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom; bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

Illi in linea preliminari, l-esponent Mark Aquilina personalment mhuwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;

Illi in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar *a tenur* tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid tressaq prova cara u skont il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, *a tenur*, *inter alia*, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu resprinti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, billi mhuwiex minnu illi l-esponenti huma debituri tas-socjeta' attici;

Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-14 ta' Awwissu, 2013.

Sema' t-trattazzjonijiet tal-abbli difensur tas-socjeta' attrici fil-15 ta' Jannar, 2014.

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar il-15 ta' Jannar, 2014 li bih il-kawza thalliet illum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-Avviz is-socjeta’ attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mark Aquilina f’ismu propju u Innovative Entertainment Limited sabiex ihallsu s-somma komplessiva ta’ tlett elef mija u sitt ewro u erbgha u disghin centezmu (€3,106.94) rapprezentanti merkanzija konsenjata u mibjugha lill-konvenuti, u dan flimkien mal-ispejjez u l-imghax.

Illi permezz tar-risposta taghhom il-konvenut Mark Aquilina ssolleva *in linea* preliminari illi Mark Aquilina personalment mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Giet sollevata eccezzjoni ohra preliminari u cioe’ illi it-talba hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, Kapitlu 16, tal-Ligijiet ta’ Malta. It-tieni eccezzjoni giet irtirata permezz ta’ nota fis-seduta tal-25 ta’ Jannar, 2012.

Dan it-Tribunal gie mitlub jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari mqanqla mill-konvenut Aquilina.

Mill-provi li tressqu rrizulta li Innovative Entertainment Limited tmexxi lil ‘Vogue Club’ li huwa *nightclub* go Paceville. **Mark Aquilina** fix-xhieda tieghu ddikjara illi huwa is-*shareholder* u Direttur tas-socjeta’ konvenuta. Illi pero’ fl-2008 meta ffirma il-*credit agreement* ma’ Charles Grech & Co Limited kien fi shab ma’ xi hadd iehor (l-isem ta’ din il-persuna ma giex indikat) u ma kienx involut direttament fit-tmexxija tal-‘Vogue Club’. Kien il-*partner* tieghu li kien imexxi l-post. Il-Manager dik il-habta kienet Ina Pavlova.

Ikkonferma li hu kien iffirma *credit agreement* mas-socjeta’ attrici Charles Grech & Co Lmited pero’ cahad li kien intrabat personalment ghaliex kien ghaddej minn separazzjoni dak iz-zmien u ddikjara li hu kien informa lir-rapprezentant ta’ Charles Grech dwar dan. Hu ammetta wkoll illi s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas ammonti. Hu ddikjara illi meta ffirma il-*credit*

*agreement* kien iffirma fil-kaxxa fejn jindika id-Direttur u ma ffirmax il-kaxxa l-ohra li kien il-garanti.

Illi l-*invoices* li ntbaghtu kienu ndirizzati lil 'Vogue' u jindikaw lil 'Rainbowmix Concrete Limited'.

Veronica Cefai, l-*accounts clerk* tas-socjeta' konvenuta, xehdet illi kienet taf li Charles Grech kien jipprovdi konsenji ta' merkanzija. L-*invoices* kienet tircevihom l-ufficju u kienu jindikaw lil 'Vogue' u 'Rainbowmix Concrete Limited' hija socjeta' ohra li tieghu huwa l-propejtarju Mark Aquilina. Xehdet ukoll illi Mark Aquilina m'ghandux negozju li hu jopera wahdu. Ikkonfermat kif ircevew l-ittra interpellatorja.

**Ikkunsidera**

Id-difensur legali tal-konvenut Mark Aquilina ddikjara illi d-decizjoni tat-Tribunal fuq il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur ghandha tigi bazata fuq l-ekwita'. Illi ghalkemm it-Tribunal jaqbel illi hu korrett li jinghad illi t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skont l-ekwita`. Dan hekk jipprovdi l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitlu 380, pero' dan ma jfissirx illi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi biss skont l-ekwita' u li jista' jinjora l-ligi jew xi applikazzjonijiet tal-Ligi.

Fir-rigward tal-kuncett ta' ekwita' l-Qorti tal-Appell (Civili Inferjuri) esprimit ruhha diversi drabi. Fil-Kawza Connie Pace Rivans v Joseph Rivans[1] iddikjarat:

> *B'mod generali, illi l-uzu ta' l-ekwita` bhala strument ta' gudizzju ghar- raggungiment tal-gustizzja fil-kaz singolari u in bazi ghall fattispeci partikolari tieghu, kien hekk konsentit in mertu ghal valutazzjoni tal-fatti jew biex jikkolma certu vojt fil-provi u, fejn okkorrenti, u hekk permissibbli, biex il- Gudikatur jiddevja mir-rigur tal-legalizmu zejjed u*

[1] Deciza fil-11 ta' Dicembru 2009 mill- Appell Civili Inferjuri, Onor. Imħallef Philip Sciberras)

*l-formalizmu ezagerat. Mhux ukoll pero` biex tigi njorata l-ligi jew l-esigenza tad-dritt applikabbli ghal kaz konkret. L-illustrazzjoni ta' dan il-kuncett kif jinzel minn bosta decizjonijiet ta' din l-istess Qorti kif presjeduta hi pjuttost cara u netta…………. Hekk ukoll gie ravvizat, dejjem minn din l-istess Qorti, illi l-kuncett ta' l-ekwita` ma jistax ikun intiz bhala xi fonti awtonoma mil-ligi in kwantu dan jista' jwassal ghall-kuntrast mal-principju tal-legalita` u tat-tutela tad-drittijiet. Ulterjorment ssokta jigi kkummentat illi "forsi jkun aktar logiku jekk wiehed jirraguna illi f'sistema fejn il-ligi miktuba hi strument principali ta' attwazzjoni, il-kuncett ta' l-ekwita` ghandu jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b'riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b'mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fattispeci. Dan bil-ghan li jigi evitat li l- Gudikatur jiskonfina fl-arbitriju. Naturalment, ukoll, kif drabi ohra rilevat, it-Tribunal, anke jekk ghab-bazi ta' l-ekwita`, ma ghandux dritt li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghal mertu.* [2]

Ghalhekk it-Tribunal ghandu qabel kollox jara x'inhuma il-fattispecie tal-kawza u jara l-ligi u l-principji li ghadhom jigu applikati ghall-kwistjoni. Dwar l-institut tal-legittimu kontradittur, fil-kawza **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**[3] il-Qorti tal-Appell iddikjarat is-segwenti:

*Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

[2] Qorti Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri, Ghawdex) deciza fil-5 ta' Lulju, 2006

in re:*Paul Portelli -vs- Pawla Buttigieg et"; Ara fost ohrajn "Dr. Tonio Azzopardi -vs- Daniel Cini", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 12 ta' Mejju 2003 u "Andrew Spiteri -vs- Anthony Camilleri" 5 ta'' April, 2006fl-ismijiet "Blye Engineering Co. Ltd -vs- Vincent Caruana", Appell, 27 ta' Ottubru, 2000*

[3] deciza nhar l-5 t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell

Fil-kaz odjern giet ippprezentata *credit agreement* datata l-1 t'Awwissu, 2008 u ffirmata minn Direttur u *shareholder* tas-socjeta' konvenuta 'Mark Aquilina u Charles Grech & Co Limited', u *invoices* datati 2007 sa 2011 (Dok A, folio 24) indirizzati lil 'Vogue', 'RainbowMix Concrete Limited' u ittra interpellatorja ndirizata lis-socjeta' konvenuta datat 24 ta' Jannar, 2011 (Dok MA2, a folio 17).

Illi huwa mportanti li wiehed jinnota illi il-*credit agreement* gie pprezentat mill-konvenut stess Mark Aquilina fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2012 fejn hu stess indika illi '*dan kien il-credit agreement li kont iffirmajt ma' bejn Charles Grech & Co Lmited'*.

Illi fil-parti li jnissel il-partjiet ghall-ftehim hemm indikat.

> *Mark Aquilina holder of identity card 125069(m) appearing hereon duly authorised for and on behalf of Innovative Ent. Ltd hereinafter referred to the owner of Vogue (hereinafter referred to as the Establishment) and also appearing hereon in his personal name and in his capacity hereinafter to as the guarantor.*

Mark Aquilina ffirma fil-kaxxa fejn gie ndikat Direttur u/jew sid. Fil-ftehim hemm kaxxa ohra fejn jindika "*guarantor/spouse".* Ma hemmx firma f'din il-kaxxa.

Il-ftehim ghandu zewg klawsoli mportant ghall-analizi odjerna: Klawsola 5 u 6:

> *5) The Directors and/or shareholders of the private company signing this agreement bind themselves personally to the company which accepts in solidum together with the private company to the performance of all the obligations under these terms and conditions of credit.*

> *6) The Guarantor hereby constitutes himself/herself, a joint and several debtors with the Establishment, in favour of the Company, which accepts, in respect of the Establishment obligations under these terms of credit. All the parties to this agreement agree that the Company has the right, as its option, to proceed for the recovery of any balance due*

> *hereunder against both the Establishment and the Guarantor or against both the Establishment and the Guarantor at the same time.*

Fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu l-konvenut solleva l-fatt illi s-socjeta' attrici ma resqet ebda prova. Huwa veru illi ghamlet biss referenza ghad-dokumenti prezentati mill-konvenut. Il-konvenut qajjem ukoll il-fatt li lanqas ma ha gurament biex jikkonferma il-*credit agreement*. Ghalhekk skont il-konvenut ghandu jigi accettat il-verzjoni ta' Mark Aquilina li ma giex kontradett *ossia* illi ma kienx kien intrabat personalment ghaliex kien ghaddej minn separazzjoni u dan kien spjegah lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici dakinhar.

Mill-provi prodotti t-Tribunal jhoss illi ma jistax jacetta l-argumenti tal-konvenut fil-kaz odjern ghaliex fl-ewwel lok hemm konferma da parti tal-konvenut Aquilina li l-*credit agreement* li kienet tapplika ghat-talba[4]:

> *Nghid illi fir-rigward tat-talba ta Charles Grech jiena kont iffirmajt credit agreement bhala direttur ta Innovative Entertainment pero mhux personalment*

Fit-tieni lok l-argument dwar il-fatt illi ma ntrabatx personalment, ghaliex huwa ma ffirmax fil-kaxxa fejn kien hemm indikat il-garanti, ma jreggiex fil-konfront tal-klawsola 6 tal-kuntratt. Jekk ma kienx hemm klawsola 6 forsi l-argument tal-abbli difensur tal-konvenut kien japplika pero' klawsola 5 tghid bic-car illi min jiffirma bhala Direttur qed jintrabat personalment. Mark Aquilina ma cahadx li qatt iffirma dan il-kuntratt anzi kkonferma li ffirmah u ghalhekk il-ftehim u klawsola 6 ta' dan il-ftehim ghandu applikazzjoni ghall-kwistjoni odjerna. Il-fatt li nforma lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici li ma riedx jintrabat personalment ma huwiex bizzejjed biex jiskansah minn rabta personali.

**Decizjoni**

Ghalhekk, fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni preliminari *stante* illi gie ppruvat illi hemm relazzjoni guridika mas-Socjeta' u jordna il-prosegwiment tal-kawza.

[4] Ara xhieda ta mark Aquilina a fol 14

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------